*Ħaż-Żebbuġ - Citta' Rohan*

***KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ***

**LAQGĦA - AĠENDA NUMRU 34 – 18 ta' Awwissu 2021**

***Minuti tat-erbgħa u tletin laqgħa tal-Kunsill tat-tmien Leġislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Ċittà Rohan, li saret nhar it-18 ta' Awwissu 2021 fis-6:00pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' virtwalment fit-6:35 ta' filgħaxija sabiex issir Aġenda Numru 34. Il-laqgħa bdiet fl-6:35pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti:** | **Dr. Malcolm P. Galea** | Sindku |
| | **Mark Camilleri** | Viċi-Sindku |
| | **Steve Zammit Lupi** | Kunsillier |
| | **Philip Edrick Zammit** | Kunsillier |
| | **David Battistino** | Kunsillier |
| | **Kevin Glynn** | Kunsillier |
| | **Patrick Bonnici** | Kunsillier |
| | **Clive Azzopardi** | Kunsillier |
| **Assenti b'Apoloġija:** | **George Cortis** | Kunsillier |
| **Assenti :** | **Ħadd** | |

***Sindku (Mayor):*** Dr Malcolm Paul Galea MD MSc (Family Medicine) MMCFD MRCGP (Int)

***Viċi-Sindku (Vice Mayor):*** Mark Camilleri BSc (Hons.) ALIBF

***Kunsilliera (Councillors):*** Steve Zammit Lupi Bachelor of European Studies (Honours) with Communications, Clive Azzopardi ACCA CPA MIM MIA, Philip Edrick Zammit, Patrick Bonnici B.A (Hons.)(Melit), P.G.C.E.(Melit), Dip.Mrkt.(Melit), M.A.(ISSS)(Melit), George Cortis, Kevin Glynn, David Battistino

***Segretarju Eżekuttiv (Executive Secretary):*** Paula Marie Valletta B. Com (Hons.) Banking & Finance, M A (Financial Services)
***Indirizz (Address) : Triq Frans Sammut**, Ħaz-Żebbug, ŻBG 1905,*
***e-mail:*** zebbug.malta.lc@gov.mt ***Tel:*** *21 468181*

**Pubbliku:** **Ħadd**

**Uffiċjal preżenti:** **Paula M. Valletta** Segretarju Eżekuttiv

---

34.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

Ma kien hemm l-eda ittra ta' apoloġija.

34.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Il-Kunsillier David Battistino ppropona li l-minuti jkunu approvati kif preżentati. Huwa kien sekondat mill-Kunsillier Philip Edrick Zammit. Il-minuti kienu approvati.

34.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

Is-Sindku Dr. Malcolm P. Agius Galea tkellem dwar il-problema tal-ħamiem selvaġġ. Huwa qal li l-iskema tal-AKL tikkonċerna biss postijiet pubbliċi. L-aħjar soluzzjoni għalih hija dik ta' *pigeon cull.* Għaldaqstant huwa qed jitlob informazzjoni mingħand il-Pulizija u anke mingħand is-Sanita dwar kif il-Kunsill għandu jipproċedi.

Il-Kunsillier Steve Zammit Lupi qal li huwa jaħseb li għandu parti mis-soluzzjoni. Huwa qal li ser jitkellem dwarha fil-ħin tal-Kunsilliera.

Dwar claims għall-fondi tar-Reġjun, is-Sindku qal li s'issa l-Kunsill talab madwar Eur18,000 mill-bilanċ pendenti ta' madwar Eur40,000.

Dwar il-Proġett għall-Binja tal-Latrina, is-Sindku qal li l-kunsill qed jistenna informazzjoni mingħand Med Design li hija meħtieġa sabiex i-tender ikun jista jiġi ppublikat.

Dwar Kwarta Tajba, is-Sindku qal li kollox huwa organizzat għal din l-attivita. Ħamsin ruħ jistgħu jattendu minħabba l-mizuri kontra l-Covid. Ser ikun hemm l-iScouts Group jgħin waqt din l-attivita.

Is-Sindku Dr. Malcolm P. Agius Galea qal li jixtieq li z-zona ta' Għarram titranġa kemm bħala dehra u anke tindif. Huwa qal li jeħtieġ li ssir bankina fi Tri Dun Luret Cutajar lejn in-naħa tal-għelieqi, wara li jkun sar it-tindif neċċessarju.

Dwar il-clean-up riċenti li saret, huwa rringrazzja lil kull min involut. Din kienet ta' suċċess u fiha nġabru madwar 120 borza tal-iskart.

## 34.4 Offerti għat-Tindif tal-Latrina

***Sindku (Mayor):*** Dr Malcolm Paul Galea MD MSc (Family Medicine) MMCFD MRCGP (Int)

***Viċi-Sindku (Vice Mayor):*** Mark Camilleri BSc (Hons.) ALIBF

***Kunsilliera (Councillors):*** Steve Zammit Lupi Bachelor of European Studies (Honours) with Communications,
Clive Azzopardi ACCA CPA MIM MIA, Philip Edrick Zammit,
Patrick Bonnici B.A (Hons.)(Melit), P.G.C.E.(Melit), Dip.Mrkt.(Melit), M.A.(ISSS)(Melit),
George Cortis, Kevin Glynn, David Battistino

***Segretarju Eżekuttiv (Executive Secretary):*** Paula Marie Valletta B. Com (Hons.) Banking & Finance, M A (Financial Services)
***Indirizz (Address) : Triq Frans Sammut**, Ħaz-Żebbug, ŻBG 1905,*
***e-mail:*** zebbug.malta.lc@gov.mt ***Tel:*** *21 468181*

Is-Sindku Dr. Malcolm P. Agius Galea nforma lill-Kunsill li ghas-sejħa tal-offerti għat-tindif tal-latrina għal perjodu ta' sitt xhur, kien hemm tlieta li tefgħu din l-offerta. Dawn huma:

Rita Xuereb - Eur4,200

Mario Cachia – Eur5,500

Andrew Muscat – Eur4,800

Il-Kunsillier Philip Edrick Zammit sekondata mill-Kunsillier Clive Azzopardi, ġie propost li tintagħżel l-offerta ta' Rita Xuereb. Il-Kunsillier Steve Zammit Lupi qal li ha jivvota kontra sabiex ikun konsistenti mal-kunċett li l-latrini li hemm mhumiex adekwati u għaldaqstant għandhom jingħalqu. Il-kumplament tal-Kunsilliera preżenti kienu kollha favur. Il-Kunsillier David Battistino qal li huwa jaqbel li s-servizz għandu jibqa jingħata għaliex huwa fl-obbligu tal-Kunsill li jagħti servizz.

## 34.5 Petizzjoni ta' Triq Frans Sammut

Is-Sindku Dr. Malcolm P. Agius Galea informa ill-Kunsill li ġie preżentat petizzjoni sabiex Triq Frans Sammut jinbidlilha l-isem għal dak oriġinali jiġifieri Triq l-Isqof Caruana. L-istess petizzjoni tgħid li fl-istess triq, il-ġnien li hemm quddiem il-Kunsill, jingħata l-isem li Frans Sammut. Din il-petizzjoni ġiet iffirmata minn 85% tar-residenti ta' Triq Frans Sammut. Sadanittant il-laqgħa tal-Kunsill waqgħet fi stadju ta' kumitat.

Wara tkompliet il-laqgħa. Is-Sindku Dr. Malcolm P. Agius Galea ppropona li din il-proposta għandha tigi mressqa quddiem l-iStreet Naming Committee sabiex tittieħed id-deċiżjoni

minnhom. Is-Sindku tenna li Triq Ġdida fi Triq l-Indipendenza tingħata l-isem Triq Frans Sammut. Din il-proposta ġiet sekondata mill-Kunsillier David Battistino. Ittieħed Vot dwar din il-proposta. Il-Kunsilliera kollha preżenti ivvutaw favur.

## 34.6 Agones Sfc Trail Run in Wied Qirda – 29 ta' Awwissu 2021 fis-7pm

Wara diskussjoni il-Kunsill qabel li ma jsibx oġġezzjoni li din it-tellieqa ssir bil-kundizzjoni li l-parteċipanti jgħaddu minn 'designated path'.

## 34.7 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

Il-Kunsillier Steve Zammit Lupi qal li fi Triq Giovanni Pullicino għandhom jitweħħlu sleeping police. Kien suġġerit li fil-junctions jsiru żewġ roundabouts żgħar sabiex jikkontrollaw aktar il-flow tat-traffiku.

Dwar il-problema tal-ħamiem, il-Kunsillier Steve Zammit Lupi qal li tkellem mal-Exterminator, sabiex jiġu nstallati spikes fuq il-bjut tan-nies li jitħallsu min-nies b'rata nnegozjata mal-kuntrattur li tkun tista tiġi baxxa minħabba li l-kwantita tkun kbira. L-ispejjeż taż-cherry picker ma jkunux għoljin minħabba li s-servizz jintuża għall-diversi residenzi.

Il-Kunsillier Steve Zammit Lupi qal li qed ikun hemm diversi lmenti dwar is-servizz tal-ġbir taż-żibel primarjament minħabba li l-boroż qed jitgeddes fil-kantunieri. Il-Kunsill qabel

unanimament li tinkitblu ittra sabiex tinġibidlu l-attenzjoni li jekk dawn in-nuqqasijiet jitkomplew, jinħarġu default notices.

## 34.9 Vot tal-Flus

Fuq proposta tas-Sindku Dr. Malcolm P. Agius Galea sekondata mill-Kunsillier Philip E. Zammit, il-vot tal-flus kien approvat unanimament. Il-Kunsillier David Battistino u anke il-Kunsillier Steve Zammit Lupi għamlu diversi mistoqsijiet dwar iż-żewġ pagamenti li hemm tar-RockCut. Is-Sindku spjega li dawn kienu xogħlijiet li saru lejn il-Farm Meat u anke is-Central Strip li hemm fil-bidu tat-triq tar-Remel.

## 34.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Din il-laqgħa spiċċat fit-8:30pm. Il-laqgħa ġiet aġġornata sine die.

| | |
|---|---|
| **Dr. Malcolm P. Galea** | **Paula M. Valletta** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

***Sindku (Mayor):*** Dr Malcolm Paul Galea MD MSc (Family Medicine) MMCFD MRCGP (Int)

***Viċi-Sindku (Vice Mayor):*** Mark Camilleri BSc (Hons.) ALIBF

***Kunsilliera (Councillors):*** Steve Zammit Lupi Bachelor of European Studies (Honours) with Communications,
Clive Azzopardi ACCA CPA MIM MIA, Philip Edrick Zammit,
Patrick Bonnici B.A (Hons.)(Melit), P.G.C.E.(Melit), Dip.Mrkt.(Melit), M.A.(ISSS)(Melit),
George Cortis, Kevin Glynn, David Battistino

***Segretarju Eżekuttiv (Executive Secretary):*** Paula Marie Valletta B. Com (Hons.) Banking & Finance, M A (Financial Services)
***Indirizz (Address) : Triq Frans Sammut****, Ħaz-Żebbug, ŻBG 1905,*
***e-mail:*** zebbug.malta.lc@gov.mt ***Tel:*** *21 468181*

***Sindku (Mayor):*** Dr Malcolm Paul Galea MD MSc (Family Medicine) MMCFD MRCGP (Int)

***Viċi-Sindku (Vice Mayor):*** Mark Camilleri BSc (Hons.) ALIBF

***Kunsilliera (Councillors):*** Steve Zammit Lupi Bachelor of European Studies (Honours) with Communications,
Clive Azzopardi ACCA CPA MIM MIA, Philip Edrick Zammit,
Patrick Bonnici B.A (Hons.)(Melit), P.G.C.E.(Melit), Dip.Mrkt.(Melit), M.A.(ISSS)(Melit),
George Cortis, Kevin Glynn, David Battistino

***Segretarju Eżekuttiv (Executive Secretary):*** Paula Marie Valletta B. Com (Hons.) Banking & Finance, M A (Financial Services)
***Indirizz (Address) : Triq Frans Sammut****, Ħaz-Żebbug, ŻBG 1905,*
***e-mail:*** *zebbug.malta.lc@gov.mt* ***Tel:*** *21 468181*